# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 26 ta' Jannar, 2016

**Talba Nru: 499/2015 DMA**

**GO plc**
**C 22334**

**Vs**

**Adrian Darmanin**
**(ID.433775M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-17 ta' Gunju, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut m'ghandu jhallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf, hames mija u ghaxar ewro u disgha centezmi (€1,510.09) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C 40177992 u A/C 40163341 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti immarkati:

- Dok IZY 1 – prospett ghall-akkont bin-numru A/C 40177992;

- Dok IZY 2 - kopja ta' ftehim ghall-akkont bin-numru A/C 40177992;
- Dok IZY 3 – prospett ghall-akkont bin-numru A/C 40163341;
- u Dok IZY 4 – kopja ta' ftehim ghall-akkont bin-numru A/C 40163341;
- Dok IZY 5 – estratt mir-Registru Elettorali;
- Dok IZY 6 – kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni in subizzjoni tal-konvenut.

Il-konvenut debitament notifikat baqa` ma deherx u lanqas ipprezenta risposta ghat-talba mitluba kontrih.

Dehret Dr Ingrid Zammit Young ghas-socjeta' attrici li 'kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ghadu dovut fl-intier tieghu.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta' elf, hames mija u ghaxar ewro u disgha centezmi (€1,510.09) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**